MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tat-12 ta' Frar, 2015

Rikors Numru. 94/2011

**xxx**

**Vs**

**Kummissarju tat-Taxxi Interni**

**Illum 12 ta' Frar 2015**

**It-Tribunal**,

Ra r-Rikors ipprezentat minn xxx fid-9 ta' Marzu 2011 permezz ta' liema jitlob li t-Tribunal ihassar u jirrevoka l-istimi ta' taxxa mahruga kontra tieghu mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghas-snin ta' stima 1999, 2000 u 2001, komprizi wkoll il-multi amministrattivi u l-imghax punittiv impost fihom, bl-ispejjez kontra l-Kummissarju tat-Taxxi Interni;

Ra d-dokumenti annessi mar-Rikors promotur, ossia l-Avvizi ta' Likwidazzjoni ta' Taxxa ghas-snin ta' stima 1999, 2000 u 2001 datati 17 ta' Jannar 2011 u r-Rifjut ta' l-Oggezzjoni datat 24 ta' Jannar 2011, a fol. 3 sa' 8 tal-process;

Ra r-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni permezz ta' liema jopponi ghall-appell interpost mir-Rikorrent mill-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa ghas-snin ta' stima 1999, 2000 u 2001 u jitlob li l-istess jigi michud filwaqt li l-imsemmija Likwidazzjonijiet ta' Taxxa jigu kkonfermati, bl-ispejjez kontra r-Rikorrent, stante li fl-ewwel lok il-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa in kwistjoni ma humiex preskritti peress illi inhargu skond l-Artikolu 31 ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta, u fil-meritu l-imsemmija Likwidazzjonijiet ta' Taxxa huma gusti u jisthoqqilhom konferma in kwantu jirriflettu d-dhul reali tar-Rikorrent ghas-snin ta' stima in kwisjtoni;

Ra d-dokumenti annessi mar-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni markati Dok. "A" sa' Dok. "D" a fol. 16 sa' 27 tal-process;

Sema' x-xhieda tar-Rikorrent moghtija waqt is-seduti tat-2 ta' Frar 2012[1] u tat-22 ta' Ottubru 2012[2] u ra d-dokumenti esebiti minnu waqt l-imsemmija seduti immarkati Dok. "CM" a fol. 45 sa' 56 tal-process u Dok. "SM1" a fol. 61 sa' 64 tal-process, u sema' x-xhieda ta' Gorg Borg in rapprezentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni moghtija waqt is-seduti ta' l-24 ta' Jannar 2013[3] u tat-22 ta' April 2013[4] u ra d-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "GB1" sa' Dok. "GB3" a fol. 68 sa' 70 tal-process, Dok. "GB"1 sa' Dok. "GB8" a fol. 71 sa' 98 tal-process u Dok. "GB1-1" sa' Dok. "GB1-10" a fol. 111 sa' 120 tal-process. Ra d-dokument, ossia minuta mit-*tax audit file* pertinenti ghar-Rikorrent dwar laqgha li nzammet fit-28 ta' April 2004, esebit mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni permezz ta' Nota pprezentata fil-25 ta' Frar 2013 a fol. 107 u 108 tal-process;

Sema' s-sottomissjonijiet orali da parte tad-difensuri tal-partijiet;

Ra l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra**:

Bil-proceduri odjerni r-Rikorrent qed jikkontesta Likwidazzjonijiet ta' Taxxa mahruga kontra tieghu mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghas-snin ta' stima 1999, 2000 u 2001 in bazi ghal liema qed jigi mitlub ihallas taxxa pura ulterjuri, taxxa addizzjonali w imghaxijiet fl-ammont komplessiv ta' €51,863. Ir-Rikorrent jitlob li dawn il-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa jigu revokati u ikkancellati stante li: (i) fl-ewwel lok il-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa in kwistjoni huma preskritti a tenur ta' l-Artikolu 47(2) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta; (ii) is-sistema ta' komputazzjoni adoperata mill-Kummissarju mhux biss ma hijiex ezatta u korretta izda lanqas ma tirrifletti d-dhul tieghu u dana billi fis-snin in kwistjoni u kif ukoll sal-gurnata ta' llum huwa ma ghandux introjtu fiss in kwantu jiddependi mis-Servizzi Socjali; (iii) fl-istadju ta' l-oggezzjoni ma inghatax smigh xieraq u l-Kummissarju tat-Taxxi Interni ma mexiex mieghu la *rite* u lanqas *recte*; u (iv) il-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa meritu ta' l-appell huma ezagerati kemm bhala multi amministrattivi kif ukoll bhala imghax punittiv.

Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni jopponi ghall-appell tar-Rikorrent u jitlob li l-istess jigi michud u l-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa kontestati jigu kkonfermati stante li: (i) il-Kummissarju kien tal-fehma li d-dikjarazzjonijiet li saru mir-Rikorrent ghas-snin ta' stima 1999, 2000 u 2001 kienu f'ammont inqas minn dak li kien fil-verità dovut u konsegwentement ghalhekk fil-21 ta' Mejju 2003 hareg l-Avvizi ta' Likwidazzjoni tat-Taxxa ghas-snin ta' stima 1999, 2000 u 2001, fejn il-Likwidazzjonijiet inhadmu in bazi ghad-dhul tar-Rikorrent tul is-

[1] Fol. 57 tal-process.

[2] Fol. 65 u 66 tal-process.

[3] Fol. 99 sa' 106 tal-process.

[4] Fol. 121 sa' 123 tal-process.

snin bazi 1998, 1999 u 2000 kif determinat mill-Kummissarju skond il-gudizzju tieghu; (ii) minkejja l-oggezzjoni mill-imsemmija Likwidazzjonijiet ta' Taxxa, matul l-istadju ta’ l-oggezzjoni r-Rikorrent baqa’ ma pprovda l-ebda dokumentazzjoni biex isostni dak minnu affermat fl-oggezzjonijiet tieghu u konsegwentement l-oggezzjonijiet gew rifjutati u ma huwiex minnu li fl-istadju ta’ l-oggezzjoni ma nghatax smigh xieraq; (iii) il-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa ghas-snin ta’ stima 1999, 2000 u 2001 huma gusti u jimmeritaw konferma u ma humiex preskritti in kwantu l-istess inhargu a tenur ta’ l-Artikolu 31 tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta’ Malta; u (iv) it-taxxa addizzjonali u l-interessi huma gusti u korretti u gew imposti skond il-Ligi.

Qabel ma jittratta l-aggravji tar-Rikorrent fid-dawl ta’ l-opposizzjoni sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, ghal kull buon fini t-Tribunal jaghmel referenza ghall-Artikolu 3(3), (4) u (5) ta’ l-Att dwar il-Kummissarju tat-Taxxi, Kap.517 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif applikabbli llum. L-imsemmija disposizzjonijiet tal-Ligi jipprovdu li *mad-dhul fis-sehh ta’ dan l-Att u minkejja kull ligi ohra, il-funzonijiet kollha vestiti fil-Kummissarju tat-Taxxi Interni, fil-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u fil-Kontrollur tad-Dwana taht l-atti tat-taxxa ghandhom jigu trasferiti lill-Kummissarju* [ossia il-Kummissarju tat-Taxxi] *u jigu ezercitati minnu u kull referenza ghall-Kummissarju tat-Taxxi Interni, ghall-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u ghall-Kontrollur tad-Dwana f’kull ligi ghandha tinqara u tinftiehem bhala referenza ghall-Kummissarju tat-Taxxi;* (4) *(a) Il-Kummissarju jista’, bi qbil bil-miktub tal-Ministru, jiddelega kull funzjoni taht dan l-Att jew taht l-atti tat-taxxa lil kull ufficjal tad-dipartimenti tat-taxxa. (b) Kull delega maghmula taht dan is-subartikolu ghandha tigi pubblikata mill-Ministru b’ordni fil-Gazzetta. (c) Minkejja kull ligi ohra, meta ufficjal ikun gie delegat xi funzjoni mill-Kummissarju taht il-paragarfu (a), l-ufficjal ghandu jkun responsabbli lejn is-Segretarju Permanenti permezz tal-Kummissarju. (d) Il-Kummissarju jista’, f’kull zmien, bi qbil mill-Ministru, jiehu lura dawk il-funzjonijiet kollha, jew uhud minnhom, li jkunu gew delegati taht dan is-subartikolu. Avviz dwar it-tehid lura ta’ funzjonijiet ghandu jigi pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern. (e) Meta l-Kummissarju jiehu lura funzjonijiet li kienu gew delegati lil persuna ohra taht dan is-subartikolu, huwa jiehu wkoll, minflok dik il-persuna, ir-rapprezentanza legali u gudizzjarja tal-Gvern fuq id-dokumenti, l-atti gudizzjarji u l-azzjonijiet kollha maghmula, mibghuta, prezentati, mibdija jew mehuda minn jew f’isem jew kontra dik il-persuna ohra bis-sahha ta’ l-imsemmija delega;* (5) *Il-Kummissarju ghandu jkollu r-rapprezentanza legali u gudizzjarja tal-Gvern fid-dokumenti, atti gudizzjarji u azzjonijiet kollha li jkollhom x'jaqsmu mal-gbir ta’ taxxa u ma’ kull kwistjoni ohra li d-dipartimenti tat-taxxa jkollhom interess fiha, kemm-il darba dik ir-rapprezentanza ma tkunx giet delegata skond is-subartikolu (4).*

B’ Ordni ta’ Delega ta’ Funzjonijiet relattiv ghall-Att dwar il-Kummissarju tat-Taxxi ippublikat fil-harga tal-Gazzetta tal-Gvern ta’ l-20 ta’ Lulju 2012 il-Kummissarju tat-Taxxi kien b’effett mill-20 ta’ Jannar 2012 iddelega fost affarijiet ohra r-rapprezentanza giudizzjajra in kwantu rigwarda *inter alia*

taxxa li ghandha tingabar taht u kwistjonijiet ohra nascenti mill-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income, Kap.123 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, Kap. 372 tal-Ligijiet ta' Malta, lid-Direttur Generali (Taxxi Interni). Dak l-Ordni fil-fatt kien jipprovdi illi *skond is-setghat moghtija mis-subartikolu (4) ta' l-artikolu 3 ta' l-Att dwar il-Kummissarju tat-Taxxi, il-Kummissarju tat-Taxxi bi qbil tal-Ministru responsabbli ghal finanzi, qieghed hawn jiddelega d-drittijiet, id-doveri, is-setghat u l-funzjonijiet, inkluza r-rapprezentanza legali u gudizzjarja tal-Gvern moghtija lilu mis-subartikolu (5) ta' l-artikolu 3 ta' l-imsemmi Att, hawn aktar 'il quddiem imsejhin "id-drittijiet", kif gej: ... (a) id-drittijiet taht l-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income, l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, l-Att dwar it-Taxxa fuq id-Dokumenti u Trasferimenti, l-Att dwar il-Monte di Pietà, l-Ordinanza dwar Haddiema d-Deheb u Haddiema l-Fidda (Argentiera), l-Att dwar l-Akkwist ta' Proprjetà immobbli minn Persuni Mhux Residenti, u kull regolament maghmul tahthom, ghandhom ikunu vestiti fl-ufficjal li minn zmien ghal zmien jokkupa l-kariga ta' Direttur Generali (Taxxa Interni). ... Din l-Ordni u d-delegi maghmula tahtha ghandhom issehhu b'sehh mill-20 ta' Jannar 2012...* Bis-sahha ta' tali Ordni ghalhekk kien id-Direttur Generali (Taxxi Interni) li kellu jitqies bhala l-Awtorità pubblika intimata f'dawn il-proceduri.

B'Ordni ta' Assunzjoni mill-Gdid ta' Funzjonijiet ippubblikata fil-harga tal-Gazzetta tal-Gvern tat-8 ta' Awwissu 2014, il-Kummissarju tat-Taxxi ha lura id-drittijiet, dmirijiet, setghat u funzjonijiet kollha li huma vestiti fih taht, fost ohrajn, l-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income u l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa u dana b'effett mis-27 ta' Gunju 2014 u *mill-imsemmija data, id-delega ta' drittijiet, dmirijiet, setghat u funzjonijiet vestiti taht l-Atti u r-regolamenti fuq imsemmija* [fosthom l-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income u l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa] *li saret bin-Notifikazzjoni tal-Gvern numru 711 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern data 3 ta' Lulju 2012 u bin-Notifikazzjoni tal-Gvern numru 766 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern datata 20 ta' Lulju 2012 qieghda tigi mhassra minghajr pregudizzju ghall-kontinwazzjoni ta' l-effett ta' l-imsemmija Notifikazzjonijiet tal-Gvern ghal dak li ghandu x'jaqsam mad-delega ta' drittijiet, dmirijiet, setghat u funzjonijiet vestiti taht l-Ordinanza tad-Dwana, l-Att dwar id-Dazji ta' Importazzjoni, l-Att dwar Dazju tas-Sisa, u kull regolament maghmul tahthom u minghajr pregudizzju ghall-validità ta' dak li sar bis-sahha tal-istess Notifikazzjonijiet tal-Gvern qabel id-data effettiva ta' din l-Ordni.*

Minn dak provdut fl-Artikolu 3(4)(e) tal-Kap.517 tal-Ligijiet ta' Malta u fl-imsemmija Ordni ta' Assunzjoni mill-Gdid ta' Funzjonijiet johrog car li b'effett mis-27 ta' Gunju 2014 il-Kummissarju tat-Taxxi rega' assuma mill-gdid ir-rapprezentanza giudizzjarja tal-Gvern fi proceduri nascenti minn u konnessjoni ma', fost ohrajn, l-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income u l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa u ghalhekk illum huwa l-Kummissarju tat-Taxxi li ghandu jigi kkunsidrat bhala l-Awtorità pubblika intimata f'dawn il-proceduri

minflok id-Direttur Generali (Taxxi Interni) u l-Kummissarju tat-Taxxi Interni qablu.

Ghalkemm illum l-Awtorità intimata f'dawn il-proceduri huwa l-Kummissarju tat-Taxxi u mhux iktar id-Direttur Generali (Taxxi Interni) u qablu l-Kummissarju tat-Taxxi Interni, it-Tribunal iqis li ma hemmx il-htiega li ssir korrezzjoni fl-okkju tal-proceduri u fl-atti ta' dan il-kaz stante li a tenur tar-Regolament 2 tar-Regolamenti Dwar l-Ekwivalenza ta' Certi Referenzi ghall-Karigi fid-Dipartimenti tat-Taxxa, Legislazzjoni Sussidjarja 517.01, *il-kliem imnizzel fl-ewwel Kolonna ta' l-Iskeda* [fosthom Kummissarju tat-Taxxi Interni u Direttur Generali (Taxxi Interni)] *ghandu, f'kull att gudizzjarju jew azzjoni gudizzjarja u f'kull kommunikazzjoni notifikata jew indirizzata lil xi dipartiment tat-taxxa u f'kull kommunikazzjoni mibghuta minn xi dipartiment tat-taxxa, jitqies li huwa ekwivalenti u li ghandu l-istess tifsira u effetti legali bhall-kliem imnizzel fl-istess partita fit-tieni kolonna ta' l-Iskeda* [ossia Kummissarju tat-Taxxi] *u dan b'mod illi l-kliem uzat fiz-zewg kolonni ta' l-istess partita ghandu jkollu l-istess tifsira w effett ghall-finijiet kollha tal-Ligi.*

Trattata din il-kwistjoni t-Tribunal ser jghaddi issa biex jittratta l-aggravji fuq liema r-Rikorrent jibbaza l-appell tieghu mill-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa mahruga kontra tieghu mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghas-snin ta' stima 1999, 2000 u 2001, fid-dawl ta' l-opposizzjoni sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, illum Kummissarju tat-Taxxi, u se jibda l-ewwel billi jittratta l-aggravju tal-preskrizzjoni a tenur ta' l-Artikolu 47(2) tal-kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta.

Kif già iktar 'l fuq osservat ir-Rikorrent jikkontendi li l-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa ghas-snin ta' stima 1999, 2000 u 2001 huma preskritti a tenur ta' l-Artikolu 47(2) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta. L-imsemmi artikolu tal-Ligi jipprovdi li *salv kif xort' ohra espressament provdut fl-Atti dwar it-Taxxi u salvi b'mod partikolari d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 30(5) u ta' l-artikolu 31(7), l-azzjoni ghall-hlas tat-taxxa, taxxa addizzjonali, imghax jew xi penali tista' tinbeda f'kull zmien mid-data minn meta jsiru dovuti u ghandhom jithallsu sa' tmien snin minn dik id-data jew, meta tkun saret stima ghar-rigward taghhom, mid-data meta dik l-istima ssir finali u konkluziva.* Huwa ferm evidenti li dan il-provvediment tal-Ligi japplika biss fil-kuntest ta' proceduri giudizzjarji istitwiti mill-Kummissarju tat-Taxxi fil-konfront tat-*taxpayer* ghall-gbir ta' taxxa dovuta u ghalhekk l-istess imsemmi artikolu tal-Ligi ma jsibx applikazzjoni fil-kaz in ezami peress illi l-proceduri odjerni huma proceduri ta' appell istitwti mit-*taxpayer* kontra l-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa mahruga kontra tieghu mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni u per konsegwenza l-istess imsemmija Likwidazzjonijiet ta' Taxxa ghadhom, pendenti l-ezitu ta' dan l-appell, ma humiex finali u konklussivi.

Fid-dawl ta' dan it-Tribunal jaqbel ma dak eccepit mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni fis-sens illi l-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa mahruga minnu fil-konfront

tar-Rikorrent a tenur ta' l-Artikolu 31 tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta ma humiex preskritti. In effetti apparte dak appena osservat dwar l-inapplikabilità ta' l-Artikolu 47(2) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta fil-proceduri in ezami, jigi ulterjorment u ghal kull buon fini osservat li minn dak dispost fl-Artikolu 31 tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta u senjatament fis-subartikolu 6 ta' l-imsemmi artikolu tal-Ligi, li huwa l-provvediment tal-Ligi applikabbli ghall-kaz in ezami, jirrizulta immedjatament evidenti li l-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa meritu ta' dan l-appell ma humiex preskritti.

L-Artikolu 31(6) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li *stima jew stimi addizzjonali ghal xi sena ta' stima taht is-subartikolu (5) ghandha ssir jew ghandhom isiru mhux iktar kmieni miz-zmien preskritt taht l-Artikolu 10(1) sabiex jinbaghat il-prospett ta' l-income ghal dik is-sena u mhux iktar tard minn hames snin minn tmiem is-sena li fiha kien intbaghat prospett ta' l-income*[5] *jew prospett ulterjuri ghal dik is-sena jew li fiha tkun saret ghazla taht l-Artikolu 12 ghal dik is-sena*.

Mill-provi prodotti u senjament mill-*Income Tax Returns* tar-Rikorrent esebiti mill-Kummissarju tat-Taxxi a fol. 71 sa' 78 tal-process u mix-xhieda ta' Gorg Borg in rapprezentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni[6], jirrizulta li l-*Income Tax Returns* ghas-sena ta' stima 1999 u 2001 intlew mir-Rikorrent fis-6 ta' Frar 2003 u gew sottomessi lid-Dipartiment fit-28 ta' Frar 2003 filwaqt illi l-*Income Tax Return* ghas-sena ta' stima 2000 giet sottomessa fis-16 ta' Gunju 2000. Il-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa relattivi inhargu fil-konfront tar-Rikorrent fil-21 ta' Mejju 2003 ghal dak li jirrigwarda s-snin ta' stima 1999 u 2001 u fit-12 ta' Ottubru 2000 ghal dak li jirrigwarda s-sena ta' stima 2000, u ghalhekk ilkoll entro t-terminu ta' hames snin prefiss fil-Ligi.

Ghaldaqstant jirrizulta ferm evidenti li l-aggravju sollevat mir-Rikorrent fis-sens illi l-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa ghas-snin ta' stima 1999, 2000 u 2001 huma preskritti a tenur ta' l-Artikolu 47(2) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta, ma huwiex gustifikat u b'hekk ma jisthoqqx li jigi milqugh.

Fil-meritu r-Rikorrent jikkontendi li *s-sistema ta' komputazzjoni adoperata mill-intimat Kummissarju mhux biss mhijiex ezatta u korretta izda lanqas ma tirrifletti d-dhul ta' l-esponenti, u dana stante li l-istess esponenti kemm fis-snin indikati mill-intimat Kummissarju u kif ukoll sa' llum-il gurnata, l-esponenti ma ghandux introjtu fiss stante li jiddependi mis-Servizzi Socjali u dana kif se jigi ppruvat f'dawn il-proceduri*[7]. Minn dak premess mir-Rikorrent fir-Rikors promotur jirrizulta evidenti li huwa jikkontendi li l-**uniku** dhul tieghu jikkonsisti **biss** fl-ghajnuna li jircievi mid-Dipartiment tas-Sigurtà Socjali. In sostenn ta' dan ir-Rikorrent ipproduca diversi rendikonti

---

[5] Sottolinear tat-Tribunal.

[6] Xhieda moghtija waqt is-seduta ta' l-24 ta' Jannar 2013, a fol. 99 sa' 108 tal-process.

[7] Para. 5 tar-Rikors promotur.

mahruga mid-Dipartiment tas-Sigurtà Socjali li juru l-beneficci socjali percepiti minnu kull sena mill-1 ta' Jannar 1999 sa' l-24 ta' Dicembru 2010.

Ta' min josserva li ghal xi raguni r-Rikorrent ma pproduciex ir-rendikont tal-beneficci socjali percepiti minnu matul is-sena 1998 u dana minkejja l-fatt li fl-*Income Tax Return* tieghu ghas-sena ta' stima 1999/sena bazi 1998 huwa iddikjara dhul totali ta' Lm1,770 bejn beneficci socjali u bonus fuqhom u din is-sena bazi effettivament tikkostitwixxi parti mill-mertu ta' l-appell tieghu. Ciò nonostante però jirrizulta li tul l-1998 ir-Rikorrent effettivament ircieva hlas ta' beneficcju mid-Dipartiment tas-Sigurtà Socjali. Dan jirrizulta mill-ittra ta' l-imsemmi Dipartiment lid-Direttur tat-Tax Compliance Unit, esebita mill-Kummissarju bhala Dok. "GB1" a fol. 68 tal-process, fejn fost affarijiet ohra fir-rigward tar-Rikorrent jinghad illi *he has been in receipt of Social Assistance since 1981 and the amount he received was Lm800 in 1981 rising annually (according to the increases granted by Government annually) up to 2001 when he received Lm1889. According to his declarations Mr. Mallia does not hold any moveable or immoveable property and neither does he own any cash in hand or on bank and never had.*

Ir-Rikorrent ghazel li jistrih fuq dawn ir-rendikonti mahruga mid-Dipartiment tas-Sigurtà Socjali bhala l-prova ewlenija in sostenn ta' l-appell tieghu mill-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa ghas-snin ta' stima 1999, 2000 u 2001. In effetti dawn id-dokumenti jikkonfermaw li matul is-snin, inkluzi s-snin meritu tal-konstestazzjoni, ir-Rikorrent kien qed jircievi beneficcju socjali konsistenti f'ghajnuna ghall-qghad, bonus u bonus addizzjonali u allowance tat-tfal. B'mod partikolari jirrizulta li tul is-sena bazi 1999 ir-Rikorrent ircieva ghajnuna fl-ammont totali ta' €5,190.33, ekwivalenti ghal Lm2,228.21 u tul is-sena bazi 2000 huwa rcieva ghajnuna fl-ammont totali ta' €3,209.95, ekwivalenti ghal Lm1,378.03.

Jehtieg jigi osservat li ghalkemm b'dawn id-dokumenti r-Rikorrent ipprova li huwa kien jircievi beneficcji socjali tul is-snin bazi 1999 u 2000, bl-istess dokumenti huwa jikkontradixxi dak minnu dikjarat fl-*Income Tax Returns* tieghu ghas-snin ta' stima 2000 u 2001 dwar tali dhul. Filwaqt li mir-rendikonti mahruga mid-Dipartiment tas-Sigurtà Socjali jirrizulta li tul is-sena bazi 1999 ir-Rikorrent ircieva ghajnuna fl-ammont komplessiv ta' €5,190.33 (Lm2,228.21), li minnhom huwa taxxabbli l-ammont ta' €4,142.57 (Lm1,778.40) rapprezentanti l-ghajnuna ghall-qghad, bonus u bonus addizzjonali li rcieva matul dik is-sena, in kwantu l-ammont rapprezentanti l-allowance tat-tfal huwa ezenti mill-hlas tat-taxxa fuq l-*income*[8], fl-*Income Tax Return* tieghu ghas-sena ta' stima 2000 huwa iddikjara li matul is-sena bazi 1999 ma kellu l-ebda dhul. Mir-rendikont relattiv ghas-sena bazi 2000 jirrizulta li r-Rikorrent ircieva ghajnuna fl-ammont komplessiv ta' €3,209.95 (Lm1,378.03) li minnhom ghall-istess raguni moghtija iktar 'l fuq huwa taxxabbli l-ammont ta' €2,142.04 (Lm919.58), izda imbaghad fl-*Income Tax*

8 Avviz Legali 118 ta' l-1989.

*Return* tieghu ghas-sena ta' stima 2001 huwa ddikjara li tul is-sena bazi 2000 kellu dhul konsistenti f' *unemployment benefit plus bonus* fl-ammont komplessiv ta' Lm1,824 ekwivalenti ghal €4,248.77.

Nonostante dak appena osservat dwar l-impatt probatorju tar-rendikonti esebiti mir-Rikorrent bhala l-unika prova in sostenn ta' l-appell tieghu mill-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa ghas-snin ta' stima 1999, 2000 u 2001, it-Tribunal huwa tal-fehma li f'dan l-istadju jehtieg jigi determinat jekk bil-prova minnu prodotta r-Rikorrent irnexxilux jisposta l-oneru tal-prova minn fuqu ghal fuq il-Kummissarju tat-Taxxi Interni. Ir-Risposta ghal tali kwezit hija, f'dan il-kaz u fil-fehma tat-Tribunal, fl-affermattiv. Peress illi l-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa mertu ta' l-appell huma stimi *best of judgment* - fatt dan ammess mill-istess Kummissarju tat-Taxxi[9] - hekk kif ir-Rikorrent ipprova l-kontestazzjoni tieghu li huwa ilu ghal numru konsidereovli ta' snin, inkluzi s-snin meritu ta' dan l-appell, jghix bil-beneficcji socjali, il-Kummissarju ghandu issa jsostni l-korrettezza u ragjonevolezza tal-Likwidazzjonijiet mahruga minnu fil-konfront tar-Rikorrent partikolarment fejn iddetermina Dhul Iehor oltre l-beneficcji socjali li skontu gie percepit mir-Rikorrent tul is-snin bazi pertinenti ghall-kaz in ezami.

Din l-osservazzjoni ssib konferma f'dak osservat mill-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **A.B. v. Kummissarju tat-Taxxi Interni**, deciza fit-23 ta' Mejju 2008[10].

F'dak il-kaz gie trattat punt sollevat mill-Bord ta' Kummissarji Specjali f'sentenza preliminari fejn osserva illi *fil-kaz numru 165 quddiem il-Qorti ta' l-Appell kien gie deciz li hija pjenament fil-poter tal-Bord li jiddeciedi jekk appellant ikunx issodisfa l-piz tal-prova. In virtù ta' dan il-Bord iqis li l-kwistjoni ta' jekk, fil-kaz fejn il-KTI qed jipprezenta assessment li juza t-terminu "Other Income", jekk l-istess KTI ma jkunx f'posizzjoni li jaghti spjega cara – u bi spjega cara hu mifhum mhux by inference – ta' minn xiex hu kompost dak l-other income, tali assessment imbaghad jassumi in-natura ta' dak li jista' jigi deskritt bhala "an estimated assessment", u allura jrid ikun il-KTI li jrid jipprova c-cifri u l-kontenzjonijiet tieghu. Dan huwa konsonanti ma' dak ikkontemplat fil-Kazijiet Numri 116 u 158 quddiem il-Qorti ta' l-Appell.*

Il-Kumissarju tat-Taxxi Interni kien appella mid-decizjoni preliminari tal-Bord ta' Kummissarji Specjali in bazi ghall-aggravju li fi kwalunkwe stadju tal-proceduri l-oneru tal-prova li l-istima hija eccessiva kien jinkombi fuq it-*taxpayer*, li kellu wkoll jipprova, bi provi attendibbli u serji, l-akkrexximent fil-kapital tieghu. Fir-rigward ta' tali aggravju l-Qorti ta' l-Appell osservat illi *apprezzevolment, l-aggravju dedott huwa wiehed ta' interess u ta' importanza qawwija in kwantu jirriverti fuq il-piz tal-provi, u l-aktar, jekk*

[9] Vide xhieda moghtija minn Gorg Borg waqt is-seduti ta' l-24 ta' Jannar 2013 u tat-22 ta' April 2003.

[10] Decisions of the Court of Appeal, Vol. 6 pg. 268, Kawza Nru. 229.

*fil-kors tal-kontroversji kontenzjuzi fiskali ghandux dan l-istess piz joxxilla minn parti ghall-ohra, kif hekk inhu l-kaz fi procedimenti civili. Jibda biex jigi registrat bi principju generali tad-dritt processwali civili illi l-oneru tal-prova jinkombi fuq dak fost il-kontendenti li jallega fatt migjub 'il quddiem b' fondament tat-talba jew ta' l-eccezzjoni. Proprju, fid-distribuzzjoni tal-piz tal-prova tali jsib espressjoni fir-regoli tradizzjonali onus probandi incumbit ei qui dicit u reus excipiendo fit actor. Fil-kaz ta' l-ewwel hu doveruz, b' esigenza logika hafna, illi l-attur li jazzjona hu karikat bil-piz li jipprova l-bazi tad-dritt azzjonat. Fil-kaz tat-tieni, il-konvenut hu mghobbi bl-oneru li jipprova l-eccezzjoni kontrapposta ghall-pretiza ta' l-attur avversarju. B' illustrazzjoni, wiehed jista' jirreferi ghal kaz fejn sid ta' fond mikri jallega destinazzjoni partikolari ta' fond mentri l-kerrej tieghu jallega skop u uzu xort' ohra. F' kaz bhal dan, kif ritenut mill-Qorti ta' l-Appell, l-inkwilin allega fatt pozittiv kuntrarju ghall-uzu effettiv tal-fond u, allura, "ghax reus in excipiendo fit actor il-fatt minnu allegat jikkostitwixxi l-kontroprova minnu offert u dan ghandu jigi provat minnu" ("**Francesca Mallia –vs- Salvatore Guillaumier**", 12 ta' Jannar, 1962). Premess dan il-kapitolu introduttiv, fil-kontroversji fiskali r-regim tal-provi processwali hu artikolat u regolat fid-dispost ta' l-Artikolu 35 (3) ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa (Kapitolu 372). Dan jghabbi fuq spallejn it-taxpayer "il-piz tal-prova illi l-istima li dwarha jsir l-ilment hija eccessiva". Ragonevolment, il-kwalifikazzjoni li taghmel il-ligi tad-deduzzjoni probatorja bhala oggett ta' "piz" necessarjament timporta illi t-taxpayer li jonqos milli jiddizempenja ruhu jitqieghed fi zvantagg billi l-qaghda tithalla fi stat ta' incertezza. Jista' minn naha l-ohra jigri illi fil-kors tal-proceduri t-taxpayer jirnexxielu, b' dimostrazzjoni ta' certu fatt jew fonti ta' prova, jissupera dan il-piz inkombenti, anke jekk sommarjament, billi jadduci elementi sufficjenti ta' prova prima facie. Dan, almenu, nirriskontrawh fi proceduri ta' indoli civili in kwantu hu dottrinalment accettat illi "in civil cases the evidential burden may be satisfied by any species of evidence sufficient to raise a 'prima facie' case". (**Phipson "On Evidence"**, Ed. Sweet & Maxwell, 1970, para. 103). Linejarment ma' dan il-hsieb hi, ad ezempju, is-sentenza fl-ismijiet "**Joseph Zammit -vs- Joseph Hili**", Appell Inferjuri, 27 ta' Gunju, 1953, fejn fiha gie rikonoxxut illi, una volta s-sid-attur ikun ghamel il-prova tad-detenzjoni prekarja tal-fond mill-konvenut, l-oneru tal-prova jigi spustat ("shifted") fuq il-konvenut "ghax jista' jkun stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta' l-attur hija sostenuta". Tinsorgi hawn id-domanda jekk dan l-ispostament tal-piz tal-prova huwiex hekk possibbli u accettabbli fil-kors ta' l-attivita` gudizzjali fi kwestjonijiet fiskali. Minn dak ricerkat jidher li t-twegiba hi fil-posittiv. F' decizjoni tal-Judicial Committee tal-Privy Council moghtija fit-8 ta' Frar, 1971 (per Lord Donovan) fil-kaz "**The Argosy Company Ltd -vs- The Commissioner of Inland Revenue**", trattasi ta' riferenza mill-Qorti ta' l-Appell tal-Guyana – ara riproduzzjoni ta' siltiet importanti minnha fil-harga tal-gurnal "Times of Malta", Monday, 12th April, 1971 – intqal dan:- "From the express terms of Section 48 (4) (Income Tax Ordinance tal-Guyana) before the Commissioner can make an assessment to the best of his judgement, he must first form an opinion that the person is liable to pay tax.*

*This must mean a rational opinion and not one which flies in face of the facts or which no reasonable person could form. The Representative of the Commissioner of Inland Revenue after admitting that he could not say on what grounds the Commissioner had formed that opinion, contented himself with arguing that the Commissioner had made an assessment to the best of his judgement and that the onus was on the Company to prove that the assessment was excessive". Aktar fundamentali ghall-fattispeci hi din is-silta li ssegwi: "Admittedly the onus of proving that the condition precedent to making an assessment did not exist lay in the first instance on the Company, but in Civil Proceedings the onus shifts from time to time according to the state of the evidence. Here, to put the matter at its lowest, a strong "prima facie" case had been made out that the Commissioner had formed an opinion on liability which no reasonable person could hold. It was then for him, if he could, to show the contrary and he made no attempt to do so". Mill-kontenut tad-decizjoni tal-Bord fil-kaz prezenti jidher, b' applikazzjoni tal-principju suddett, illi dan argina l-hsieb tieghu b' dawn il-konsiderandi:- (1) F' dak l-istadju u dejjem in sede ta' konjizzjoni sommarja hu hassu sodisfatt illi d-dokumentazzjoni prodotta mit-taxpayer kienet tqarreb il-posizzjoni guridika assunta minn dan. Fi kliem iehor, li dik l-istess dokumentazzjoni kienet tirrapprezenta elementi indizzjarji sufficjenti li fl-apprezzament diskrezzjonali tal-Bord kellhom jakkwistaw valur prima facie ta' l-awtenticita` u tal-kompletezza taghhom; (2) Li b' konsegwenza ta' din id-deduzzjoni, l-oneru tal-prova kellu jisposta ruhu ghal fuq il-Kummissarju biex dan joffri spjegazzjoni cara tal-komposizzjoni tac-cifra li wasal ghaliha taht ir-ras "Other Income". Wiehed hawn necessarjament jifhem illi fl-intendiment tal-Bord, il-Kummissarju ma setax jezimi ruhu milli jforni prova li l-Bord ikun ritwalment talbu ghall-iskop li jigu kkontrastati u ssuperati dawk l-elementi indizzjarji suppliti mid-dokumentazzjoni tat-taxpayer. Bir-rispett dovut <u>din il-Qorti ma tara xejn barra mill-ordinarju illi anke fi proceduri fiskali l-Bord jinsisti mal-Kummissarju appellanti biex dan jippreciza jew jikkjarixxi l-assunti proprji tieghu jew almenu, bhal f' dan il-kaz, li jissostanzja il-kalkoli li jkunu saru minnu ghal skop ta' stima. Jekk xejn, ghall-ahjar istruzzjoni tal-kaz u dak ta' l-apprezzament unitarju u organiku tal-provi li jkollu eventwalment jaghmel il-Bord</u>[11].*

L-istimi (eskluz ghal' issa taxxa addizzjonali w imghax) li hareg il-Kummissarju tat-Taxxi Interni fil-konfront tar-Rikorrent huma s-segwenti:

**Sena ta' Stima 1999:**

| | |
|---|---|
| Dhul servizzi socjali | Lm1,770 (kif dikjarat mir-Rikorrent fl-*Income Tax Return* tieghu) |
| Dhul iehor | Lm12,000 (kif determinat mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni) |

---

[11] Sottolinear tat-Tribunal.

| | |
|---|---|
| Dhul totali | Lm13,700 |
| Taxxa dovuta | Lm3,194 |

**Sena ta' Stima 2000:**

| | |
|---|---|
| Dhul servizzi socjali | Nil (kif dikjarat mir-Rikorrent fl-*Income Tax Return* tieghu) |
| Dhul iehor | Lm5,500 (kif determinat mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni) |
| Dhul totali | Lm5,500 |
| Taxxa dovuta | Lm475 |

**Sena ta' Stima 2001:**

| | |
|---|---|
| Dhul servizzi socjali | Lm1,824 (kif dikjarat mir-Rikorrent fl-*Income Tax Return* tieghu) |
| Dhul iehor | Lm6,000 (kif determinat mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni) |
| Dhul totali | Lm7,824 |
| Taxxa dovuta | Lm1,288 |

Il-mod kif inhargu dawn l-istimi gie spjegat minn Gorg Borg in rapprezentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi. Waqt is-seduta ta' l-24 ta' Jannar 2013, Gorg Borg iddikjara li t-*tax audit* fil-konfront tar-Rikorrent mit-*Tax Compliance Unit* saret in segiwtu ghal talba da parte tad-Dipartiment tas-Sigurtà Socjali. In effetti minn ittra tad-Dipartiment tas-Sigurtà Socjali li waslet ghand it-*Tax Compliance Unit* fit-23 ta' Jannar 2002, esebita minn Gorg Borg bhala Dok. "GB1", jirrizulta li d-Dipartiment kien informa lid-Direttur tat-*Tax Compliance Unit* illi *this department is paying assistance to the above-named persons* [fosthom Xxx ta' Flt.6, Blk F, Qasam tal-Mehir, Kirkop] *but has serious doubts whether the declarations submitted by them are correct or not* u talab li *it would be greatly appreciated if you could investigate the two cases and report to this department your findings*. Gorg Borg spjega li *l-income dikjarat mill-appellant kien, ghas-sena ta' stima 1999, beneficcji socjali minghand id-dipartiment tas-servizzi socjali Lm1,770. Sena ta' stima 2000 ma ddikjara xejn, u sena ta' stima 2001 l-istess beneficcji socjali minghand id-Dipartiment tas-Servizzi Scojali Lm1824* u dwar id-dhul tar-Rikorrent kif determinat mill-Kummissarju tat-Taxxi spjega li dan kien

jikkonsisti fid-dhul kif dikjarat mir-Rikorrent fl-*Income Tax Returns* tieghu u Dhul Iehor li l-Kummissarju wasal ghalih *best of judgment*.

Id-Dhul Iehor determinat mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni gie determinat b'dan il-mod:

- Is-somma ta' Lm12,000 ghas-sena ta' stima 1999 kienet tikkonsisti fis-somma ta' Lm9,000 (dhul applikat fix-xiri ta' maisonette) u fis-somma ta' Lm3,000 indikata bhala dhul iehor;
- Is-somma ta' 5,500 ghas-sena ta' stima 2000 kienet tikkonsisti fis-somma ta' Lm2,000 rapprezentanti dhul minn bejgh ta' garage u fis-somma ta' Lm3,500 indikata bhala dhul iehor;
- Is-somma ta' Lm6,000 ghas-sena ta' stima 2001 kienet kollha indikata bhala dhul iehor.

Fir-rigward tas-somma ta' Lm9,000 indikata bhala dhul applikat fix-xiri ta' maisonette u tas-somma ta' Lm2,000 indikata bhala dhul minn bejgh ta' garage, Gorg Borg spjega li *l-income tal-maisonette qeghdin nghidu li l-maisonette xtrah u hu qed jghid li hareg nofsu, issa ahna qeghdin nghidu li dawn id-9,000 gibthom minn x'imkien. Il-maisonette kien inxtara ghal Lm18,000 li huwa qal li hareg nofshom, issa ahna qeghdin nghidu li dawk id-9,000 inti minn x'imkien gibthom, issa allura bhala best of judgment dik ibbazajniha fuq ix-xiri tal-maisonette. ... Mela sena ta' stima 1999, matul is-sena 1998 l-appellant ma' certa Mary Portelli xtara maisonette ghall-prezz ta' Lm18,000. Skond l-appellant huwa kien hareg nofs il-prezz ta' Lm9,000, liema flus qal li gabhom minn flus mirbuha mill-loghob u l-ammont li qal li rebah mill-loghob kien ta' Lm6,500 u l-parti l-ohra minn self li huwa kien ha m'ghand huh, din l-ispjegazzjoni li tana fl-istadju tal-verifika. ... Xxx baqa' ma gabx l-ebda evidenza dokumentata b'sostenn ta' dak li kien qed jghid u l-flus li hareg ghal nofs il-prezz tal-maisonette, jew ahjar id-Lm9,000, gie meqjus mid-dipartiment bhala income mhux dikjarat mill-appellant ghas-sena ta' stima 1999. Sena ta' stima 2000 matul l-1999 l-appellant biegh garaxx ghal Lm2,000 lira, madanakollu fil-formola tat-taxxa li ssottometta ghal dik is-sena l-appellant ma ddikjara xejn rigward il-garaxx bir-rizultat li t-taxxa provizorja li huwa hallas fuq il-kuntratt ta' Lm40* [recte Lm140], *li kienet 7% ta' l-Lm2,000 tal-valur li din giet for refund u fil-fatt din giet rifondata lilu. ... Fil-laqghat li l-appellant kellu mat-TCU qal li l-garaxx kien akkwistah minghand il-Gvern ta' Malta u kellu 40 lira cens fis-sena fuqu u ma kien hallas xejn biex akkwistah. Hu talab xi spejjez izda ma gab l-ebda prova dokumentata taghhom, ta' dawn l-ispejjez relatati ma' dan l-akkwist tal-garaxx u ghalhekk l-Lm2,000 marbuta mal-bejgh tal-garaxx gew meqjusa bhala income. Issa dhul iehor, id-dipartiment qies li l-flus li hareg l-appellant biex jixtri l-maisonette, voldieri id-Lm9,000 kienu net savings li kien baqghalu wara l-hrug ta' flus f'infieq ghall-bzonnijiet tal-hajja, living expenses, u li l-income li l-appellant kien ferm iktar mill-beneficcji socjali li l-istess appellant iddikjara bhala l-uniku dhul tieghu. Waqt laqgha fit-28 ta' April 2004, waqt is-smigh ta' l-oggezzjoni l-appellant iddikjara li hareg*

*Lm7,000 u rebah Lm20,000 f'imhatra fuq l-elezzjoni u meta gie mistoqsi kif kellu Lm7,000 x'jilghab, meta skond hu ma kien jaqla' xejn, hu qal min m'ghandux Lm7,000. Izda baqa' ma spjegax il-provenjenza ta' tali somma.*

Wara li qies din l-ispjegazzjoni fid-dawl tat-Tax Audit Report datat 28 ta' Jannar 2002 u tal-minuta interna tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni dwar laqgha li nzammet bejn Harold Caruana, *objection officer*, u r-Rikorrent fit-28 ta' April 2004 u fid-dawl ta' dak li rrizulta mill-kontro-ezami tar-Rikorrent, it-Tribunal hu tal-fehma li l-Kummissarju tat-Taxxi rnexxielu jispjega b'mod sodisfacenti l-assunzjonijiet li huwa ghamel fir-rigward tas-somma ta' Lm9,000 indikata minnu bhala dhul applikat fix-xiri ta' maisonette fil-kuntest tas-sena ta' stima 1999 u tas-somma ta' Lm2,000 indikata minnu bhala dhul minn bejgh ta' garage ghas-sena ta' stima 2000. Apparte l-fatt li d-dokumenti indikati – liema dokumenti ma gewx kontradetti mir-Rikorrent – jikkoroboraw dak affermat minn Gorg Borg, ix-xhieda in kontro-ezami tar-Rikorrent turi bic-car in-nuqqas ta' affidabilità u kredibilità ta' l-istess Rikorrent dwar il-provenjenza tas-somma ta' Lm9,000 biex hallas sehemu mill-maisonette akkwistat flimkien ma' Mary Portelli u fil-kuntest tal-mili ta' l-*Income Tax Returns* tieghu.

In kontro-ezami r-Rikorrent iddikjara li *matul l-1998, l-1999 u s-sena 2000 jiena kont nirregistra. Jiena ilni 38 sena nghix bir-relief u bic-children's allowance. Meta jiena kont niehu dawn il-beneficcji socjali* ***gieli kien jirnexxieli ngemma xi haga tal-flus fil-gimgha per ezempju xi 10 Liri fil-gimgha****. Fl-1998 jiena u l-partner li kelli dak iz-zmien, li maghha kelli tifla, konna ftehmna li nixtru maisonette l-Imriehel. Din il-maisonette konna xtrajniha Lm18,000 u jiena kont issellift, nikkoregi ruhu,* ***ommi*** *kienet tatni Lm5000 u jiena kelli* ***Lm4000 ohra mgemghin*** *u n-nofs l-iehor hargitu l-partner illi kelli. … Jiena lili* ***hadd ma saqsieni lanqas min-naha tad-dipartiment minn fejn kont gibt il-flus biex nixtri din id-dar****. Malli lil tar-relief infurmajthom bl-akkwist ta' din il-proprjetà, bdew inaqqsuli t-taxxa relattiva mill-beneficcji li kont niehu u dana kien qisu bejn wiehed u iehor ta' Lm10 fil-gimgha. Qed jigi suggerit lili illi fl-istadju ta' l-investigazzjoni, jiena kont ghidt lid-dipartiment illi kont irbaht xi imhatri u gibt il-flus minn hemmhekk,* ***nghid li dan m'huwiex minnu****.* ***Jiena ma kontx ghidt hekk****. Kelli garaxx Hal Kirkop illi jiena kont hadtu minghand il-gvern. Kelli fuqu Lm40 cens fis-sena u jiena dan kont beghejtu ghall-prezz ta' Lm28,000. Nikkoregi ruhi, jiena dan kont beghejtu Lm2,900.* ***Id-dhul illi jiena ghamilt minn dan it-trasferiment tal-garaxx ma kontx iddikjarajtu ma' skopijiet ta' taxxa. Jiena nghid illi t-taxxa kont hallastha****.*

Ir-Rikorrent ma huwiex affattu kredibbli f'dak minnu dikjarat ghaliex apparte il-fatt li fir-rigward tas-somma ta' Lm9,000 li huwa hareg ghal sehemu mill-maisonette akkwistata flimkien ma' Mary Portelli, quddiem it-Tribunal ta provenjenza ta' dawn il-fondi ben diversa minn dik minnu moghtija lid-Dipartiment waqt l-istadju ta' l-oggezzjoni, il-provenjenza allegata quddiem it-

Tribunal xorta wahda baqghet mhux sodisfacentement pruvata. In effetti r-Rikorrent ma ressaq l-ebda prova korroborattiva ta' l-affermazzjoni li ommu tatu Lm5,000 minn dawn Lm9,000 u difficilment jista' jitwemmen li persuna li kienet ilha 38 sena tghix fuq l-ghajnuna socjali irnexxielha ggemma Lm4,000 billi, fi kliem ir-Rikorrent stess, gieli kien iwarrab xi Lm10 fil-gimgha. Apparte minn hekk ir-Rikorrent issa qed jichad fatti u cirkostanzi li kjarament sehhew u rrizultaw waqt l-istadju ta' l-oggezzjoni hekk kif jirrizulta mill-minuta tal-laqgha li nzammet f'April 2004 bejnu u l-*objection officer*. Fir-rigward tas-somma ta' Lm2,900 li r-Rikorrent dahhal mill-bejgh tal-garage, li però skond il-Kummissarju kienu Lm2,000, in kontro-ezami huwa kjarament jammetti li dan id-dhul ma ddikjarahx ghall-finijiet ta' taxxa ghalkemm kwalunkwe taxxa li huwa seta' hallas fuq l-att ta' trasferiment kienet biss taxxa provvizorja u mhux taxxa finali.

Fil-fehma tat-Tribunal ghalhekk il-Kummissarju tat-Taxxi irnexxielu jaghti spjegazzjoni sodisfacenti ta' kif wasal biex iddetermina li fis-sena bazi 1998 ir-Rikorrent kellu dhul iehor ammontanti ghal Lm9,000, liema ammont gie in segwitu utilizzat versu l-akkwist tal-maisonette, u li ma giex minnu dikjarat fl-*Income Tax Return* ghas-sena stima 1999, u li fis-sena bazi 1999 ir-Rikorrent kellu dhul iehor ta' Lm2,000 provenjenti mill-bejgh ta' garage li wkoll ma giex minnu dikjarat fl-*Income Tax Return* tieghu ghas-sena stima 2000. L-istess però ma jistax jinghad ghad-Dhul Iehor ammontanti ghal Lm3,000 ghas-sena ta' stima 1999, ghal Lm3,500 ghas-sena ta' stima 2000 u addirittura Lm6,000 ghas-sena ta' stima 2001, determinat mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni fuq bazi *best of judgment*.

It-Tribunal talab spjegazzjoni minghand Gorg Borg fir-rigward ta' dan id-Dhul Iehor determinat mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni w in risposta ghal tali talba inizjalment Gorg Borg irrisponda li l-Kummissarju wasal ghall-figuri minnu determinati fuq il-bazi ta’ dak li deherlu li persuna ghandha bzonn bhala dhul biex taghmel tajjeb ghad-*daily living allowances* izda qal ukoll li hu ma kellux spjegazzjoni ezatta ta’ kif il-Kummissarju wasal ghal dawn il-figuri u talab zmien biex jaghmel il-verifiki mehtiega. Wara li nghata zmien ghall-verifika Gorg Borg spjega li *l-income l-iehor zdied mid-Dipartiment on the basis of the best of judgment biex jikkaverja l-fatt li perunsa, is-Sur Mallia, kellu bzonn certu livell ta' income biex ikopri l-living expenses ta' bniedem normali w ahna zidnihom ma' dak l-ammont. Dan qed nghidlek jiena hadtu mid-diskussjonijiet anke mal-persuna li jirrapprezenta t-tax audit section li tawna l-file. ... Bhala dhul u regarding id-dhul l-iehor kif digà ghidtlek li ma sibt xejn fil-file u ma' l-ispjega li kelli kienet li dawk kienu jaghmlu l-best of judgment on the basis ta' bniedem normali kemm ikollu bzonn biex jghix u assumew li qed jaqla' somma so much.*

Wara li qies bir-reqqa l-ispjegazzjoni moghtija minn Gorg Borg dwar id-Dhul Iehor tar-Rikorrent kif determinat mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghas-snin bazi 1998, 1999 u 2000 (u b’hekk pertinenti ghas-snin ta’ stima 1999, 2000 u 2001) fid-dawl ta’ dak provdut fl-Artikolu 31(5) tal-Kap.372 tal-Ligijiet

ta' Malta u ta' dak osservat mill-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza iktar 'l fuq citata fl-ismijiet **A.B. v. Kummissarju tat-Taxxi Interni**, deciza fit-23 ta' Mejju 2008, it-Tribunal ma huwiex affattu konvint minn tali spjegazzjoni u fil-fehma tieghu ma giex spjegat bil-mod opportun u b'mod sodisfacenti kif il-Kummissarju wasal ghall-konkluzzjoni li r-Rikorrent kellu Dhul Iehor ammontanti ghal Lm3,000 fis-sena 1998, Lm3,500 fis-sena 1999 u addirittura Lm6,000 fis-sena 2000.

Ghalkemm huwa minnu li a tenur ta' l-Artikolu 31(5) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta, liema artikolu tal-Ligi jipprovdi li *meta l-Kummissarju jkun jidhirlu li t-taxxa li ghandha tithallas minn persuna ghas-sena ta' stima 1999 jew ghal xi sena ta' stima sussegwenti tkun giet determinata f' ammont inqas minn dak li kellu jigi ntaxxat, il-Kummissarju jista' wara li jqis dawk il-prospetti, kotba jew provi ohra, jekk ikun hemm, li jistghu jingiebu quddiemu, jew jinkisbu minnu, skond l-ahjar dehen tieghu jaghmel stima ta' l-income taxxabbli ta' dik il-persuna, it-taxxa li ghandha tithallas fuqu u t-taxxa li ghandha tithallas minnu, jew li ghandha tithallas lura lil dik il-persuna ghal dik is-sena ta' stima, u meta l-Kummissarju wara li jkun ghamel stima jkun tal-fehma li xi taxxa li dwarha tkun saret stima bhal dik tkun giet stmata f' ammont inqas minn dak li kellu jigi intaxxat, huwa jista' bl-istess mod, jaghmel stima jew stimi addizzjonali*, il-Kummissarju tat-Taxxi ghandu l-jedd li jaghmel *best of judgment assessment*, u dana partikolarment meta t-taxpayer ma jressaqx provi konvincenti dwar certa fatturi jew inkonrugenwzi riskontrati mill-Kummissarju, l-istess Kummissarju ghandu, proprio ghaliex l-istima tieghu hija *best of judgment assessment,* jaghti spjega cara, liema spjega ma tistax tkun wahda *by inference*, ta' minn xiex hu kompost dak id-Dhul Iehor li skontu kellu t-taxpayer fis-snin in kwistjoni. Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni ma jistax jippretendi li jiggustifika l-istimi tieghu fuq is-semplici affermazzjoni li l-oneru tal-prova li l-istima kontestata hija jew stimi kontestati huma eccessivi jinkombi fuq it-*taxpayer* u ghalhekk huwa t-*taxpayer* li ghandu jipprova li ma qalax dak id-Dhul Iehor a skapitu ta' spjegazzjoni dwar kif dak id-Dhul Iehor gie determinat mill-Kummissarju.

It-Tribunal mill-gdid jaghmel referenza ghal dak osservat mill-Judicial Committee tal-Privy Council fid-decizjoni moghtija fit-8 ta' Frar 1971 fil-kaz ***"The Argosy Company Ltd -vs- The Commissioner of Inland Revenue"***, u li ghaliha saret referenza fil-precitata sentenza **A.B. v. Kummissarju tat-Taxxi Interni** deciza fit-23 ta' Mejju 2008, dwar *best of judgment assessments*. F'dik id-decizjoni in effetti inghad illi tali stimi jridu jkunu bbazati fuq *a rational opinion and not one which flies in face of the facts or which no reasonable person could form.* ***The Representative of the Commissioner of Inland Revenue after admitting that he could not say on what grounds the Commissioner had formed that opinion, contented himself with arguing that the Commissioner had made an assessment to the best of his judgement and that the***

***onus was on the Company to prove that the assessment was excessive***[12]***.***

It-Tribunal jenfasizza dan il-punt ghar-raguni li dan huwa proprju dak argumentat mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni fil-kaz in ezami. Gorg Borg *ex admissis* iddikjara li *bhala dhul u regarding id-dhul l-iehor kif digà ghidtlek li ma sibt xejn fil-file u ma' l-ispjega li kelli kienet li dawk kienu jaghmlu l-best of judgment on the basis ta' bniedem normali kemm ikollu bzonn biex jghix u assumew li qed jaqla' somma so much* u waqt it-trattazzjoni orali l-Kummissarju tat-Taxxi ssottometta b'enfasi li l-istimi ghandhom jigu ikkonfermati ghaliex ir-Rikorrent ma ressaqx provi li sodsfacentement juru li dawk l-istimi huma eccessivi. Filwaqt li t-Tribunal jifhem li f'certa cirkostanzi il-Kummissarju tat-Taxxi ma ghandux triq ohra hlief li jaghmel certa assunzjonijiet u li a bazi taghhom jigbed certa konkluzzjonijiet, jemmen però li f'tali kazijiet il-Kummissarju xorta wahda jkun qed jibbaza ruhu fuq fatturi konkreti u tangibbli – anke jekk b'analogija – li jkunu wassluh ghall-konkluzjoni tieghu. Fi ftit kliem il-konkluzzjoni tal-Kummissarju ghandha tkun wahda ragunata u mhux *campata in aria* ghaliex fl-ewwel lok *taxpayer* ghandu jkun tenut ihallas it-taxxa minnu realment dovuta u fit-tieni lok izda mhux inqas importanti, il-Kummissarju ghandu jkun f'posizzjoni li jaghti lit-*taxpayer* spjega cara tac-cifri li fuqhom qed jigi intaxxat.

Meta wiehed iqis ix-xhieda ta' Gorg Borg li, jigi rilevat, ma kienx il-persuna involuta f'dan il-kaz la fl-istadju tat-*tax audit* u lanqas fl-istadju ta' oggezzjoni, jibqa' bla risposta ghal diversi kweziti dwar kif il-Kummissarju tat-Taxxi Interni effettivament wasal ghall-konkluzzjonijiet tieghu dwar id-Dhul Iehor allegatament percepit mir-Rikorrent tul is-snin bazi mertu ta' l-appell.

Il-bazi ta' l-ispjegazzjoni li ta Gorg Borg u li skontu hija l-ispjegazzjoni li tah il-persuna mit-*Tax Audit* li ghaddewlu l-file tar-Rikorrent - fatt dan li però ma jistax jigi kkonfermat mit-Tribunal - hija li l-Kummissarju hareg b'ammonti li skontu persuna normali ghandha bzonn biex tkopri l-*living expenses* taghha. Izda, min hi persuna normali f'ghajnejn il-Kummissarju? Hija persuna li ghall-inqas taqla' ammont ekwivalenti ghall-*minimum wage* jew iktar? Hija persuna li ghandha nukleju familjari li jiddependi fuq l-introjtu taghha? Jekk iva, minn kemm persuni huwa kompost tali nukleju familjari? Dawn l-aspetti ittiehdu in konsiderazzjoni mill-Kummissarju ghall-finijiet tal-konkluzzjonijiet tieghu? Sfortunatament dan kollu ma jirrizulta bl-ebda mod, la mix-xhieda ta' Gorg Borg u lanqas mid-dokumenti minnu esebiti u ghalhekk it-Tribunal itenni li fil-fehma tieghu l-Kummissarju ma pprovdiex spjegazzjoni sodisfacenti ghad-Dhul Iehor minnu determinat fil-konfront tar-Rikorrent.

Il-fatt li r-Rikorrent kjarament ma ddikjarax id-dhul kollu tieghu u l-fatt li l-istess Rikorrent ma kkooperax mad-Dipartiment la fl-istadju tat-*tax audit* u wisq inqas fl-istadju ta' l-oggezzjoni ma jfissirx li l-Kummissarju tat-Taxxi

[12] Enfasi tat-Tribunal.

Interni kellu d-dritt li jakkolla lill-istess Rikorrent Dhul Iehor ta' Lm3,000 ghas-sena bazi 1998, Lm3,500 ghas-sena bazi 1999 u addirittura Lm6,000 ghas-sena bazi 2000 minghajr spjegazzjoni sodisfacenti ghal dan.

Fid-dawl ta’ dan kollu ghalhekk it-Tribunal iqis li ghall-fini li r-Rikorrent ihallas it-taxxa minnu effettivament dovuta, l-istimi ta’ taxxa ghas-snin ta' stima 1999, 2000 u 2001 ghandhom: (i) jizdiedu ghal dak li jirrigwarda d-dhul mid-Dipartiment tas-Sigurtà Socjali ghas-sena ta’ stima 2000 izda jonqsu ghal dak li jirrigwarda d-dhul mid-Dipartiment tas-Sigurtà Scojali ghas-sena ta’ stima 2001 ghar-ragunijiet moghtija iktar ‘l fuq, u – hu hawn jinsab il-qofol ta’ l-appell – (ii) jonqsu fejn hu l-kaz ghal dak li jirrigwarda Dhul Iehor determinat mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghat-tlett snin ta’ stima mertu ta’ dawn il-proceduri. B’hekk b’effett finali l-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni fil-konfront tar-Rikorrent ghas-snin ta’ stima 1999, 2000 u 2001 ghandhom **jonqsu** bil-mod segwenti:

**Sena ta’ Stima 1999:**

| | |
|---|---|
| Dhul servizzi socjali | €4,122.99 (ekwivalenti ghal Lm1,770 – ammont kif dikjarat mir-Rikorrent fl-Income Tax Return tieghu in kwantu ma tressqitx prova li b’xi mod tikkontradici dan l-ammont) |
| Dhul iehor | €20,964.36 (ekwivalenti ghal Lm9,000) |

B'dana li d-Dhul Totali taxxabbli jonqos ghal **€25,087.35** (ekwivalenti ghal Lm10,796.99) minn €32,075.47 (ekwivalenti ghal Lm13,770)

**Sena ta’ Stima 2000:**

| | |
|---|---|
| Dhul servizzi socjali | €4,142.57 (ekwivalenti ghal Lm1,778.40 – rapprezentanti bonus, bonus addizzjonali u ghajnuna ghall-qghad perecepiti mir-Rikorrent waqt is-sena bazi 1999, li kif iktar ‘l fuq osservat huma l-ammonti taxxabbli stante li l-allowance tat-tfal hija, u kienet anke dak iz-zmien, ezenti mill-hlas tat-taxxa fuq l-*income*) |
| Dhul iehor | €4,658.74 (ekwivalenti ghal Lm2,000) |

B'dana li d-Dhul Totali taxxabbli jonqos ghal **€8,801.31** (ekwivalenti ghal Lm3,778.40) minn €12,811.55 (ekwivalenti ghal Lm5,500)

**Sena ta' Stima 2001:**

Dhul servizzi socjali €2,142.04 (ekwivalenti ghal Lm919.58 – apparte l-konsiderazzjoni dwar l-allowance tat-tfal, irrizulta li ghal xi raguni r-Rikorrent iddikjara dhul taxxabbli f'ammont iktar minn dak minnu effettivament percepit)

B'dana li d-Dhul Totali taxxabbli jonqos ghal **€2,142.04** (ekwivalenti ghal Lm919.58) minn €13,976.24.

Il-Kummissarju tat-Taxxi ghalhekk ghandu jiddetermina t-taxxa pura effettivament dovuta mir-Rikorrent fid-dawl ta' l-istimi kif ridotti b'din is-sentenza.

Fl-appell tieghu r-Rikorrent jikkontesta wkoll l-imposizzjoni tat-taxxa addizzjonali u ta' l-imghax relattiv. Mill-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa meritu ta' dan l-appell jirrizulta li l-Kummissarju tat-Taxxi Interni impona fuq ir-Rikorrent ghas-sena ta' stima 1999 Taxxa Addizzjonali (Formola tard) fl-ammont ta' €3,125, Taxxa Addizzjonali (Ommissjoni) fl-ammont ta' €13,392 u imghax fl-ammont ta' €7,440, ghas-sena ta' stima 2000 Taxxa Addizzjonali (Ommissjoni) fl-ammont ta' €2,654 u imghax fl-ammont ta' €1,106 u ghas-sena ta' stima 2001 Taxxa Addizzjonali (Formola tard) fl-ammont ta' €600, Taxxa Addizzjonali (Ommissjoni) fl-ammont ta' €9,000 u imghax fl-ammont ta' €3,000. Filwaqt illi fil-principju *(in principle)* il-Kummissarju tat-Taxxi Interni kien fil-fehma tat-Tribunal korrett f'li jimponi tali Taxxa Addizzjonali (Formola tard) u Taxxa Addizzjonali (Ommissjoni) u Imghax, fid-dawl ta' dak deciz dwar ir-riduzzjoni ta' l-istimi tat-taxxa ghas-snin ta' stima 1999, 2000 u 2001 determinata mit-Tribunal il-Kummissarju tat-Taxxi ghandu jirrevedi tali imposizzjoni ta' Taxxa Addizzjonali w Imghax mhux biss mill-lat ta' *quantum* izda wkoll mill-lat ta' imponibilità ta' l-istess skond dak provdut fl-Iskeda relattiva ghall-Artikolu 56(12) tal-Kap.123 tal-Ligijiet ta' Malta kif applikabbli ghas-snin ta' stima in kwistjoni.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi l-appell interpost mir-Rikorrent mill-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa ghas-snin ta' stima 1999, 2000 u 2001 billi:

1. Jichad l-aggravju preliminari tal-preskrizzjoni ta' l-istimi mertu tal-kontestazzjoni a tenur ta' l-Artikolu 47(2) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta, sollevat mir-Rikorrent;
2. Jilqa' in parte l-aggravju fil-meritu sollevat mir-Rikorrent u filwaqt illi (i) izid l-istima tat-taxxa mahruga kontra r-Rikorrent ghas-sena ta' stima 2000 ghal dak li jirrigwarda d-dhul mid-Dipartiment tas-Sigurtà Socjali izda jnaqqas l-istima tat-taxxa mahruga kontra r-Rikorrent ghas-sena ta' stima 2001 ghal dak li jirrigwarda d-dhul mid-Dipartiment tas-Sigurtà Scojali; u (ii) inaqqas l-istimi tat-taxxa mahruga kontra r-Rikorrent ghas-snin ta' stima 1999, 2000 u 2001 fejn hu l-kaz ghal dak li jirrigwarda Dhul Iehor determinat mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni –

b'effett finali jnaqqas il-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni fil-konfront tar-Rikorrent ghas-snin ta' stima 1999, 2000 u 2001 bil-mod segwenti:

**Sena ta' Stima 1999:**

| | |
|---|---|
| Dhul servizzi socjali | €4,122.99 (ekwivalenti ghal Lm1,770 – ammont kif dikjarat mir-Rikorrent fl-Income Tax Return tieghu in kwantu ma tressqitx prova li b'xi mod tikkontradici dan l-ammont) |
| Dhul iehor | €20,964.36 (ekwivalenti ghal Lm9,000) |

B'dana li d-Dhul Totali taxxabbli jonqos ghal **€25,087.35** (ekwivalenti ghal Lm10,796.99) minn €32,075.47 (ekwivalenti ghal Lm13,770)

**Sena ta' Stima 2000:**

| | |
|---|---|
| Dhul servizzi socjali | €4,142.57 (ekwivalenti ghal Lm1,778.40 – rapprezentanti bonus, bonus addizzjonali u ghajnuna ghall-qghad perecepiti mir-Rikorrent waqt is-sena bazi 1999, li kif iktar 'l fuq osservat huma l-ammonti taxxabbli stante li l-allowance tat-tfal hija, u kienet anke dak iz-zmien, ezenti mill-hlas tat-taxxa fuq l-*income*) |
| Dhul iehor | €4,658.74 (ekwivalenti ghal Lm2,000) |

B'dana li d-Dhul Totali taxxabbli jonqos ghal **€8,801.31** (ekwivalenti ghal Lm3,778.40) minn €12,811.55 (ekwivalenti ghal Lm5,500)

**Sena ta' Stima 2001:**

| | |
|---|---|
| Dhul servizzi socjali | €2,142.04 (ekwivalenti ghal Lm919.58 – apparte l-konsiderazzjoni dwar l-allowance tat-tfal, irrizulta li ghal xi raguni r-Rikorrent iddikjara dhul taxxabbli f'ammont iktar minn dak minnu effettivament percepit) |

B'dana li d-Dhul Totali taxxabbli jonqos ghal **€2,142.04** (ekwivalenti ghal Lm919.58) minn €13,976.24;

3. Fid-dawl tar-riduzzjoni ta' l-istimi tat-taxxa ghas-snin ta' stima 1999, 2000 u 2001 determinata mit-Tribunal, il-Kummissarju tat-Taxxi ghandu jirrevedi l-ammont ta' taxxa pura effettivament dovut mir-Rikorrent kif ukoll l-imposizzjoni ta' Taxxa Addizzjonali w Imghax mhux biss mill-lat ta' *quantum* izda wkoll mill-lat ta' imponibilità ta' l-istess skond dak provdut fl-Iskeda relattiva ghall-Artikolu 56(12) tal-

Kap.123 tal-Ligijiet ta’ Malta kif applikabbli ghas-snin ta’ stima in kwistjoni.

Fic-cirkostanzi partikolari ta’ dan il-kaz it-Tribunal iqis li l-ispejjez relattivi ghal dawn il-proceduri ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet kontendenti.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------